MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

SEDUTA TAL-15 TA' JANNAR, 2014

NUMRU. 233/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Michael Zahra**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Michael Zahra ta’ 39 sena, bin Alfred u Mary nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Settembru 1971 u joqghod 33, Triq Santa Liena, Birkirkara, (fil-prezent detenut fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin), detentur tal-karta tal-identita` 0440071 (M), gie akkuzat talli :

(1). Fil-25 ta’ Jannar 2011, ghal-habta tas-siegha u kwart ta’ wara nofs inhar, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb minn gewwa l-hanut bl-isem Alfie Jewellery li jinsab fi Triq il-Merkanti, Valletta, ghad-dannu ta’ Alfred

Agius, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u l-valur, u dan bi ksur tal-Artikoli 262 (1)(a) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2). Barra minn dan l-imputat Michael Zahra huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'diveri sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

(3). Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija ghandha tikkonsidra li l-imputat Michael Zahra kiser il-kundizzjonijiet imposti min din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Magistrat Dottor Anthony Micallef Trigona LL.D fis-6 ta' Mejju 2010 b'diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkomettix reat kriminali iehor waqt li jkun qed igawdi mill-beneficcju tal-helsien mill-arrest;

(4). Il-Qorti hija mitluba li minn barra l-piena li jidrilha xieraq, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemm Michael Zahra kif wkoll tordna li s-somma ta' €5,000 bhala garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artiklu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tal-4 ta` Novembru 2011 li jinsab *a folio* 117 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2013 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Rat li fl-istess udjenza saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kif elenkati fir-*Rinvio a giudizio*, anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fir-*rinvio a giudizio*, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fir-*rinvio a giudizio* jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni u li gew sodisfacentement ippruvati kienu s-segwenti. Fil-25 ta` Jannar 2011, ghall-habta tas-1.15pm, Michael Zahra dahal fil-hanut bl-isem ta` 'Alfie Jewellery' li jinsab fi Triq il-Merkanti, Valletta. Wara li ghamel ftit hin jara xi oggetti, u malli sab il-hin ezatt sabiex jesegwixxi dak li kellu f'mohhu, huwa mbotta lill-impjegata, hataf numru ta` oggetti li l-valur taghhom jeccedi sew l-ammont komplessiv ta` €2329.37, u harab jigri. Issejhet il-pulizija u malli l-pulizija rat il-muntagg tas-CCTV relattiv, gharfet minnufih lill-imputat bhala l-persuna li ikkommettiet is-serqa. Huwa in effetti gie arrestat u meta saru l-*identification parades*, l-imputat gie identifikat kemm mill-impjegata kif ukoll minn zewg persuni ohra li rawh jigri fit-triq. Din l-identifikazzjoni regghet saret mit-tlett xhieda msemmija waqt id-depozizzjoni taghhom fil-Qorti.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss, :

a) <u>il-fedina penali refrattarja tal-hati u l-volum ta` sentenzi moghtija fil-konfront tieghu</u> (enfazi tal-Qorti);
b) illi l-hati irid jifhem li jekk jikser il-ligi, irid jiffaccja l-konsegwenzi, u f'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-hati jimmerita li jinghata piena karcerarja effettiva;

Fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti f'dan il-kaz, din il-Qorti trid tibghat messagg illi sakemm ma jkunux jirrizultaw cirkostanzi verament specjali, kull min jinstab hati, filwaqt li jkun rediciv, ta` serq aggravat, jehtieg li jigi punit bil-karcerazzjoni u b'dan il-mod il-piena tkun qed isservi kemm ta` deterrent kif ukoll tkun qed taghmel gustizzja mas-socjeta`.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261, 262(1)(a), 267, 276, 277(a), 280(2), u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Michael Zahra hati ta' l-imputazzjoni tas-serq aggravat skond il-paragrafu (1) u dana bl-addebitu tar-recidiva kif migjub fil-paragrafu (2) u **tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) snin**; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet maghmulha mill-prosekuzzjoni skond it-tielet (3) u r-raba (4) paragrafi stante li fir-*rinvio a giudizio* l-imputat ma giex addebitat bir-reat taht l-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tastjeni milli timponi l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 stante li fil-process ma gie esebit jewipprezentat xejn li ghandu x'jaqsam ma hatra ta` esperti jew periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------